# Il-Kappella tal-Kunċizzjoni f'Wied Gerżuma

Mario Fenech



F'waħda mill-isbaħ lokalitajiet mdawwra bil-kampanja sabiħa ta' pajjiżna niltaqgħu mal-Kappella tal-Immakulata Kunċizzjoni li tinsab fuq ir-riħ ta' Wied Gerżuma. Din il-parti tal-Gżira tagħmel mal-limiti tar-Rabat

Il-Kappella mbniet fi żmien il-Gran Mastru Antoine De Paule li kien dam jaħkem fuq Malta bejn is-sena 1621 u s-sena 1636. Dan il-Gran Mastru kien xtara xi artijiet fl-inħawi biex imbagħad bir-renti tagħhom ikun jista' jibni x-xwieni ta' l-Ordni. Waħda minn dawn l-artijiet kienet propju din il-parti ta' Wied Gerżuma. Fl-1736 il-Gran Mastru Manoel de Vilhena, ħa ħsieb jibni din il-Kappella tal-Immakulata Kunċizzjoni u biex jibqa' mfakkar dan l-avveniment, kien ordna li timbena Arkata li fuqha tpoġġiet skirizzjoni bil-kliem "Fondazzjoni Paola 1736". Ma' din l-iskrizzjoni tpoġġiet l-arma ta' l-istess Gran Mastru minquxa fil-ġebla. Meta l-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann telqu minn Malta u ġie Napuljun il-propjeta kollha li kellhom waqgħet f'idejn il-Gvern kif għada sal-lum.



*L-Istatwa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni*

Il-Kappella għandha Altar wieħed li fuqu hemm Kwadru sabiħ tal-Madonna bil-Bambin, flimkien ma' San Ġużepp, San Ġwann Battista, San Pawl u Sant'Antnin. Hemm spjegazzjoni għal dawn it-tlett Qaddisin li ġew inklużi fil-Kwadru. San Ġwann għaliex dan huwa l-Qaddis Padrun tal-Ordni tal-Kavallieri, San Pawl għaliex dawn l-inħawi kienu u għadhom jagħmlu mal-Parroċċa ta' San Pawl tar-Rabat, Sant'Antnin għaliex għalih kien imsemmi l-Gran Mastru li bena l-Knisja. Il-Kwadru huwa xogħol l-Artist Gian Nikola Buhagiar li pinġa ukoll il-Kwadri li hemm mal-ġnub ta' l-Altar, wieħed ta' Sant'Anna u l-ieħor ta' San Ġwakkin.

Sa mill-bidu nett tal-ftuħ ta' din il-Kappella kienet issir il-festa tal-Immakulata li għaliha kienu jattendu bosta Kavallieri tal-Ordni li kienu jiġu mill-Imdina fuq iż-żwiemel tagħhom.

Waqt il-jiemn tal-festa l-Kappella tkun armata bid-Damask, Gandlieri Argentati, Fjuretti tal-Ganutell, u bl-Istatwa tal-Madonna li tinħareġ fil-Purċissjoni li tkun akkumpanjata mill-Banda "Konti Ruġġieru" tal-Każin "San Pawl" tar-Rabat. Ikun hemm il-Mixgħela Ġenerali u l-logħob tan-nar ta' l-Art u ta' l-Ajru. Il-Faċċata tal-Knisja, z-Zuntier u t-triq li minnha tgħaddi l-Purċissjoni jiġu mżejna għal din il-festa li ssir il-Ħadd ta' wara t-8 ta' Diċembru.

IKOMPLI F'PAGNA 59

MINN PAGNA 57

Biswit il-Kappella dan l-aħħar ġiet miftuħa Sala żgħira, biex fiha jsiru laqgħat Soċjali għannies ta' l-Inħawi.

Il-Kappella tintuża regolarment għall-Quddies u Laqgħat ta' Talb.

Nissuggerixxi lil dawk li forsi għadhom ma żarux din il-Kappella, biex jagħmlu dan u b'hekk ikunu jistgħu japprezzaw kemm is-sbuħija ta' din il-lokalità, kif ukoll din il-Kappella li hija parti mill-Wirt Nazzjonali tant rikk tagħna l-Maltin.

Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd.



*Xena mill-isbaħ tal-Knisja mixgħula mill-bogħod*



*Il-Purċissjoni ħierġa mill-Knisja.*



HairTouch
CREATIONS

HairTouch Unisex Saloon
13, Church Street, Marsascala ZBR 09
Tel: 21 634 827 - Mob: 9985 9125